# It-23 t'Ottubru 1944: 75 Anniversarju



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-2017, permezz tal-artiklu tiegħi 'Ir-Re tal-Baned Maltin fl-Ewwel Tliet Deċennji tas-Seklu 20' konna ċċelebrajna l-150 anniversarju mit-twelid tas-surmast Antonio Miruzzi (1867-1944) li kellu ħafna baned taħt idejh, fosthom is-Soċjetà Filarmonica 'Santa Maria' tal-Mosta, fil-bidu tas-seklu li għadda. Is-sena l-oħra wkoll, kont ktibt artiklu bl-isem ta' 'L-10 ta' Marzu 1867' dwar id-data preċiża ta' meta twieled. Kif wieħed jista' jinnota, l-artiklu ta' dis-sena intitolajtu proprju 'It-23 t'Ottubru, 1944' biex nuri li qed inkompli fuq dak li ktibt is-sena l-oħra. Dan għaliex, dis-sena taħbat għeluq il-75 sena minn mewtu, li ġrat fit-23 t'Ottubru 1944, fl-età ta' 78 sena. Għaldaqstant, permezz ta' dal-artiklu, inkunu qegħdin inkomplu niċċelebraw 'l dal-kompożitur Malti li ħalla l-baned Maltin tant u tant xogħlijiet sbieħ.

Kliem muftieħ: Mro Antonio Miruzzi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' (Bormla), Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice' (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali 'Nicolò Isouard' (Mosta), Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun)

Minn dak li rajna fl-artiklu ta' sentejn ilu, għal xi żmien, Miruzzi kien imexxi 'l dil-banda, iżda ma nafux eżatt meta laħaq u spiċċa minn magħha.[1] Stramb ħafna l-fatt, kif fl-istess żmien hu kien imexxi wkoll l-banda l-oħra Mostija bejn l-1894 u l-1909. Li nafu żgur hu, li wara Miruzzi kien laħaq surmast ċertu Mro Giuseppe Micallef (1854-1914) "Il-Baqranbur"[2] minn Ħaż-Żabbar, u li iżda ma damx aktar mill-1911, wisq probabbli minħabba saħħtu. Infatti, l-aħħar baned li Micallef baqa' magħhom sa dik id-data kienu biss tnejn: l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda 'San Mikiel'[3] ta' raħal twelidu, u l-Għaqda tal-Mużika 'San Gejtanu' tal-Ħamrun, li milli jidher dam ftit xhur biss magħha. Interessanti l-fatt ukoll, li Micallef għamel sentejn mal-banda rivali Mostija l-oħra bejn l-1888 u l-1890.

---

[1] J.J. Camilleri ['L-istorja tal-Każini tal-Banda f'Malta u Għawdex', p. 13] jikkwota lis-Sur Robbie Mifsud Bonnici (RMB) jgħid li, 'is-Surmast Antonio Miruzzi għamel żmien imexxi l-banda għall-ħabta tas-sena 1900.'

[2] Dal-laqam jagħtihulna RMB fil-ktieb tiegħu 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex' l-Ewwel Ktieb [Giov. Muscat, 1956, p. 71], skont kif tahulu ċertu Francesco Chetcuti, Żabbari. Joseph Grech, fil-ktieb tiegħu 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex' [PEG, 2001] p. 189, itina "Ta' Baqrambu" bħala l-laqam tiegħu. Hu x'inhu l-każ, is-Soċjetà Filarmonica 'Mater Maria Gratiæ' baqgħet magħrufa bħala "Tal-Baqra" propju minħabba dal-laqam ta' Micallef. Skont l-istess Grech, Micallef 'kellu talenti kbar mużikali.' Jgħidilna wkoll, li fost ix-xogħlijiet bikrija tiegħu nsibu innu 'l-Madonna tal-Grazzja, datat 21 t'Awwissu 1879. Fl-arkivju personali tiegħi għandi l-partitura ta' żewġ marċi bikrin ta' Micallef, datati 1888 u 1889 rispettivament.

[3] Ma' dil-banda partikolari għamel ħafna żmien bħala surmast. Infatti, insibuh imexxiha bejn l-1883 u l-1887 (Skont RMB, fl-1887 kien qam xi diżgwid serju bejn il-kumitat u wħud mill-bandisti peress li kien hemm min ried surmast ġdid u oħrajn li jibqgħu taħt Micallef. Dan wassal biex titwieled it-tieni banda fl-istess raħal. Kotba oħra jsostnu li ġara eżatt bil-maqlub, u kienet il-banda 'San Mikiel' li ħarġet mill-banda 'Mater Maria Gratiæ'), bejn l-1903 u l-1909, wisq probabbli fl-istess żmien li ħa d-direzzjoni tal-banda Mostija, u għat-tielet darba, fl-1911, meta jidher li mbagħad, għal xi raġuni mhix magħrufa, iddimetta, imma li tista' tkun kwistjoni ta' saħħa. Infatti, miet tliet snin wara fl-1914. Iżda l-istess Micallef kien imexxi wkoll 'il-banda Żabbarija l-oħra, is-Soċjetà Filarmonica 'Mater Maria Gratiæ', bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien: 1883-9, 1891-3, u 1895-99. Minn dan kollu naraw, li allura Miruzzi ma kienx waħdu li jmexxi żewġ baned fl-istess raħal, anzi jidher li dak iż-żmien kienet il-prassi. 'Il Micallef insibuh ukoll surmast tal-Għaqda Filarmonika 'Prince of Wales Own' tal-Birgu bejn l-1893-5. Rigward il-banda 'Peace' tan-Naxxar, il-każ hu wkoll wieħed kompless għall-aħħar fejn jidħol Micallef; l-istorjografi ta' dis-Soċjetà joqogħdu ħafna fuq il-kitba bit-Taljan tal-Avukat, Dr. Ignazio Micallef (kunjomu inzerta l-istess wieħed bħal tas-surmast li qegħdin nitkellmu fuqu). Żgur li das-surmast Żabbari kien mexxa 'l dil-banda bejn l-1885 u l-1890, u darbtejn oħra għal żmien qasir ħafna fl-1894.

Wara l-1911 jidher li l-*Casino Santa Marija* kien baqa' miftuħ biss għall-membri u mhux għall-attivitajiet bandistiċi. Kif rajna wkoll, il-kawża tax-xoljiment tagħha kienet dovuta l-aktar għall-pika żejda li kien hemm bejn iż-żewġ soċjetajiet, u li laħqet il-qofol tagħha fl-1906 waqt il-festa lokali ta' San Ġużepp, bil-purċissjoni titħassar wara li nqalgħu xi inċidenti serji. Iżda fin-nuqqas ta' dokumenti wieħed ma jistax jgħid jekk dak li seħħ hux fi żmien Miruzzi jew Micallef.



Mro Antonio Miruzzi (1867-1944) ftit qabel ma rtira minn surmast

Lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu Miruzzi żamm biss il-banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun u l-Għaqda Mużikali 'Beland' taż-Żejtun. Fil-każ tal-ewwel waħda, hu kien ta parir lill-Kumitat ta' dak iż-żmien biex jaħtar suċċessur tiegħu peress li hu kien beda jegħja. Eżegwixxa l-aħħar kunċert bandistiku tiegħu fit-30 ta' Settembru 1928. Miruzzi ddimetta wkoll minn surmast tal-banda Żejtunija fl-età ta' 65 sena wara li għal darb'oħra kien ġie mġiegħel biex jirtira minn uliedu stess minħabba raġunijiet ta' saħħa. Miruzzi kien idderieġa l-aħħar kunċert fl-1932, u 'fl-intervall għadda l-bakketta tiegħu lis-suċċessur tiegħu, is-surmast Carmelo Scicluna fost il-kommozzjoni kbira tal-kumitat, tal-bandisti u tal-ammiraturi kollha.'[4] Il-marka li ħalla Miruzzi fuq dil-banda kienet waħda kbira, u li permezz tagħha, laħaq l-apiċe tal-professjoni artistika tiegħu u l-milja ta' waħda mill-ambizzjonijiet ta' ħajtu – dik tad-direzzjoni.

Minkejja li kien irtirat, Miruzzi baqa' jikkomponi xorta waħda tant li, fl-1933 insibuh jirregala marċ brijuż għall-banda tal-Ħamrun biex jiżżanżan fil-festa titulari. Fil-ġurnal *Malta* tas-17 t'Awwissu ta' dik is-sena nsibu li: '… *quest' anno, onorare la sua vecchia banda con un gentile dono di un marcia musicale per la festa di S. Gaetano, pezzo musicale di stile moderno, difficile a suonare* …'[5] Minbarra li l-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom fil-kumpanija ta' sħabu fil-każin, Miruzzi baqa' jirregalalha marċ brijuż kull sena. Mhux hekk biss, talli sa sena qabel ma miet kien beda jaħdem fuq opra.[6] Għalkemm wieħed forsi jista' jissoponi fuqiex seta' kien jittratta s-suġġett, diffiċli tgħid ta' min kien il-librett li fuqu kien qed jiżvolġi dal-kapolavur li ma kellux ix-xorti li jlesti.



Parroċċa San Gejtanu
Ħamrun – Malta

Ċertifkat tal-Mewt

St. Cajetan Parish - Ħamrun
Death Certificate

Vol. IV Pg. 267 No.

Isem / Name: Antonio Miruzzi

Post tat-twelid / Place of Birth:

Missier / Father: Joseph Miruzzi

Omm / Mother: Michelina

Stat maritali / Marital Status:

Data tal-Mewt / Date of Death: 23-10-1944

Post tal-Mewt / Place of Death: Ħamrun.

Post tad-Difna / Place of Burial: Santa Marija Addolorata

5/10/2017
Data

Kappillan

Ċertifikat tal-mewt ta' Miruzzi (Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun)

Dwar mewt Miruzzi, Joseph Mifsud Matrenza (1918-2013), l-istorjografu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża, għad li kien jaf lil Miruzzi mill-qrib, ma jsemmix data tal-mewt fil-kotba tal-Ġublew tad-Djamanti (1964), taċ-Ċentinarju tas-Soċjetà (1989), u fl-artiklu 'Maestro Antonio Miruzzi' (Ktieb tal-festa San Ġejtanu, 1994). L-ewwel darba li nisimgħu bid-data ta' mewtu hi mill-intervista ta' Mro Michael Chircop, fejn id-data li ta inzertat ftit skorretta. Dan għaliex, kif se naraw, il-ġurnata kellha tkun it-23, u mhux is-26 t'Ottubru 1944. L-istess żball insibuh fil-ktieb ta' Jesmond Grech, 'L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija – Twelidha u Ġrajjietha' [Best Print, 2008], peress li qagħad fuq l-intervista ta' Chircop.

Mill-banda l-oħra, fil-ktieb ta' Grazio Anton Grech insibu l-waħda t-tajba: 'Huwa miet fit-23 ta' Ottubru 1944, il-Ħamrun ...'[7] Dat-tagħrif kien kisbu mill-ġurnal *Il-Berqa* tal-31 t'Ottubru ta' dik is-sena.

---

[4] Joseph Mifsud Matrenza: Ktieb Festa San Gejtanu 1994 [Soċjetà Mużikali San Ġużepp], p. 247.
[5] Grazio Anton Grech: '14-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin' [Għawdex, 1998], p. 26.
[6] Ara artiklu ta' Mro Michael Chircop li kien deher fil-gazzetta *In-Nazzjon Tagħna* tas-26 ta' Jannar 1972; liema tagħrif kisbu mingħand bint Miruzzi.

[7] Did-data kien ħadha mill-Att tal-Mewt nru 2848/1944 tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Grech itina wkoll deskrizzjoni qasira ta' kif kien sar il-funeral ta' Miruzzi: 'Attendew diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali, sabiex jagħtuh l-aħħar tislima.' L-istess deskrizzjoni jagħtihielna Chircop: 'Il-funeral kien sar il-Ħamrun fejn rappreżentanti tal-każini fejn hu kien serva ħadu sehem għall-aħħar tislima lil eks-surmast.' Nassumi li dawn kienu jinkludu, fost oħrajn, rappreżentanti mis-Soċjetà Filarmonica 'Santa Maria' tal-Mosta. Minn reġistru qadim tal-mejtin tal-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun insiru nafu li l-quddiesa ta' Miruzzi saret f'dil-knisja, ftit passi'l bogħod minn fejn kien joqgħod.

Skont iċ-ċertifikat tal-mewt maħruġ mill-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun, datat 5 t'Ottubru 2017, u ffirmat mill-viċi parroku, Dun Joe Gatt, nistgħu nikkonfermaw bla tlaqliq li Antonio, iben Joseph Miruzzi u Michelina Brincat, u armel minn Concetta Cauchi, miet fid-dar tiegħu stess, il-Ħamrun, nhar it-23 t'Ottubru 1944, fl-età ta' 78 sena. Hu jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Sta Marija Addolorata.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mostin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Mosta.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)